# 48 Sena ta' Storja -
# Viżjoni Għall-Ġejjieni

## 48 Years of History -
## A Vision for the Future



huntinginmalta.org.mt





# **Werrej**
Contents


FKNK – 48 Sena ta' Storja 5
*FKNK - 48 Years of History*

Passjoni 6
*Passion*

Kultura 7
*Culture*

Sostenibbilta' - Konservazzjoni - Kommunikazzjoni 9
*Sustainability - Conservation - Communication*

Sostenibilta' 10
*Sustainability*

Konservazzjoni 11
*Conservation*

Kommunikazzjoni 12
*Communication*






# FKNK – 48 Sena ta' Storja...

Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) kienet minn dejjem il-pijuniera bħala l-vuċi tal-kaċċatur u n-nassab Malti u Għawdxi. Stabbilita lura fis-17 ta' Settembru 1973 bħala Għaqda Nazzjonali tal-Kaċċaturi u n-Nassaba bil-għan prinċipali li jkunu ppreservati it-tradizzjonijiet soċjokulturali tal-kaċċa u l-insib f'ambitu ta' konservazzjoni tal-ambjent naturali. Minkejja li ż-żminijiet jinbidlu dan jibqa' l-għan ewlieni sal-lum.

Kien meta kien, dejjem kien hemm sitwazzjonijiet diffiċli. Biss, l-FKNK qatt ma qatgħet qalbha, u b'determinazzjoni u kuraġġ kbir hekk ser tibqa' taħdem, billi tieħu deċizjonijiet u azzjonijiet neċessarji, anki diffiċli u forsi mhux daqstant popolari, però fl-aħjar interess tal-membri, f'waqthom u kull meta jkun hemm bżonn.

Matul is-snin, l-FKNK saħħet il-kuntatti tagħha kemm lokali kif ukoll fl-Ewropa u internazzjonalment. Apparti n-numru ta' Għaqdiet minn diversi distretti f'Malta u Għawdex, u Sottokumitati, l-FKNK illum tħaddan ukoll affiljazzjonijiet nazzjonali ta' diversi entitajiet li għandom involviment divers bħal sparar sportiv; l-artiġjanat tal-ibbalzmar; Klabbs tat-tfal u tal-klieb tal-kaċċa ta' Malta, permezz ta' liema l-Kelb tal-Kaċċa ta' Malta ġie xjentifikament stabbilit ta' oriġini Maltija; u l-eqdem prattika ta' kaċċa eżistenti, dik tal-falkunerija. L-FKNK hija affiljata ma' seba' assoċjazzjonijiet internazzjonali fosthom l-akbar u l-aktar importanti huma FACE (European Federation for Hunting and Conservation) u CIC (International Council for Game and Wildlife Conservation).

Kull sena l-FKNK torganizza diversi avvenimenti u proġetti ta' konservazzjoni. Fost dawn isiru diversi wirjiet u kompetizzjonijiet ta' klieb tal-kaċċa, għasafar tal-għana, ibbalzmar, l-akbar sparatura tat-timijiet fuq il-plattini, eċċ., u organizzazzjoni ta' ħarġiet għat-tfal, żjarat fl-iskejjel u fieri tal-kaċċa. Bħala proġetti bħalissa l-FKNK għandha dak tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-Barbaġann fis-selvaġġ, it-trobbija u tluq ta' gamiem għar-riċerka, u l-mixtla ta' arbuxelli u siġar indiġeni, apparti t-tmexxija tar-Razzett tal-Bagħal inkluż il-mużew tal-kaċċa u l-insib, u dik tar-Riservi tal-Miżieb u l-Aħrax. Għaldaqstant, l-esperjenza ta' dawn it-48 sena għandha sservi ta' bażi għal pedament biex jiżgura t-triq 'il quddiem għall-viżjoni tal-FKNK għall-ġejjieni.



## FKNK - 48 Years of History....

The Federation for Hunting and Conservation - Malta (FKNK) has always been the pioneer as the voice of the Maltese and Gozitan hunter and trapper. Established on 17 September 1973 as the National Association of Hunters and Trappers with the main aim of preserving the socio-cultural traditions of hunting and trapping in the context of conservation of the natural environment. Although times change this remains the main goal to this day.

During the years, there were always difficult situations. However, the FKNK has never lost heart, and with great determination and courage it will continue to work, taking necessary decisions and actions, even difficult and perhaps not so popular, but in the best interest of its members, in a timely and informed manner.

Over the years, the FKNK has strengthened its contacts both locally, in Europe and internationally. Apart from the number of Associations from various districts in Malta and Gozo, and Sub-Committees, the FKNK today also has national affiliations of various entities with diverse involvement such as sports shooting; taxidermy; Clubs of children and hunting dogs of Malta, by means of which latter Club the Maltese Hunting Dog (Kelb tal-Kaċċa ta' Malta) was scientifically established to be of Maltese origin; and the oldest existing hunting practice, that of falconry. The FKNK is affiliated with 7 international associations among which the largest and most important are FACE (European Federation for Hunting and Conservation) and CIC (International Council for Game and Wildlife Conservation).

Every year the FKNK organizes various events and conservation projects. Among these are various shows and competitions of hunting dogs, finches, taxidermy, the biggest clay-pigeon shooting teams-competition, etc., and organization of outings for children, school visits and hunting Fairs. As for projects, currently the FKNK has the reintroduction of the Barn Owl in the wild, the breeding and release of Turtle Doves for research purposes, and the Nursery of native shrubs and trees, apart from the management of the 16 century farmhouse Razzett tal-Bagħal, which includes a Showcase-museum of hunting and trapping artefacts, and that of the Miżieb and Aħrax Reserves.

Therefore, the experience of these 48 years should serve as the foundation for securing the way forward for FKNK's vision for the future

## Passjoni

***"L-affarijiet li inti passjonat dwarhom mhumiex każwali, imma huma s-sejħa tiegħek."***

It-terminu tal-kelma passjoni hija meta persuna jkollha sens ta' entużjażmu għal xi ħaġa ta' interess li tqabbad emozzjoni indeskrivibbli. Fil-ħajja ta' kuljum hija din il-passjoni, il-mod ta' ħajja ta' dak li jkun li jżommu ħaj, kuntent u jħares 'il quddiem b'entużjażmu fil-ħajja. Persuna li ma jkollhiex passjoni għal xi ħaġa jew oħra li tista' tagħtiha sodisfazzjon f'ħajjitha, aktarx tkun imdejqa għax ma jkollhiex dwar xiex toħlom u tistenna b'entużjażmu l-ġejjieni f'ħajjitha, u ta' spiss tinfexx tivvendika ruħa minn min ikollu x-xorti u l-barka ta' passjoni, tkun li tkun. Il-kaċċatur u n-nassab huwa mbierek għax iħaddan il-passjoni, jew kif nafuha aħna fil-gżejjer Maltin, 'namra', tat-tradizzjonijiet soċjokulturali tal-kaċċa u l-insib. Passjoni mimlija emozzjoni li huwa diffiċli tiddeskrivihom bil-kliem.

Għalhekk, l-FKNK tifhem xi jħoss kull kaċċatur u nassab ġenwin għaliex aħna kollha nifformaw parti minn din il-komunità li tħaddan l-istess passjoni f'għaqda waħda. L-FKNK ser tibqa' tkun hemm biex tassigura u tiddefendi l-interessi tal-passjoni tal-kaċċa u l-insib, li għandhom għeruq fondi u b'saħħithom fil-kultura tal-gżejjer tagħna.

## Passion

***"The things you are passionate about are not random, they are your calling."***

The term passion is when a person develops a sense of enthusiasm for something of interest that engages an indescribable emotion. In everyday life it is this passion, the way-of-life that keeps one alive, happy and looking forward with enthusiasm in life. A person who has no passion for one thing or another that can give him or her satisfaction in life, is likely to be annoyed because he has nothing to dream about or look forward to in life, and often seeks revenge on those blessed with the possession of a passion, whatever this may be. The hunter and the trapper are blessed and embrace the passion, or as we know it in the Maltese islands, 'namra', of the socio-cultural traditions of hunting and trapping. An emotion-filled passion that is hard to describe in words.

Therefore, the FKNK understands how every genuine hunter and trapper feels because we are all part of this community that embraces the same passion in one. The FKNK will continue to be there to secure and defend the interests of the passion for hunting and trapping, which have deep and strong roots in the culture of our islands.





## Kultura

***"Id-differenzi kruċjali li jiddistingwu s-soċjetajiet umani u l-bnedmin mhumiex bijoloġiċi. Huma kulturali."***

Il-lingwa, l-arkitettura, l-arti, l-artiġjanat, u l-gastronomija huma suġġetti kulturali li matul l-istorja ħaddnu sens ta' identità ta' pajjiż jew komunità. Il-gżejjer tagħna għandhom storja ta' 'l fuq minn 7,000 sena, u naraw li l-prattiċi soċjokulturali tal-kaċċa u l-insib, fosthom ukoll l-eqdem prattika ta' kaċċa eżistenti fl-istorja tal-bniedem, dik tal-falkunerija, naqqxu impatt sostanzjali u sinifikanti f'Malta u Għawdex.

Naraw biss wieħed mill-aspetti kulturali li baqa' fostna u huwa parti mill-ħajja ta' kuljum tal-poplu Malti: l-platt tradizzjonali tipiku tal-fenkata, li huwa mfittex kemm mill-pubbliku lokali kif ukoll minn dawk li jżuru l-gżejjer tagħna. Dan il-platt oriġina minħabba n-numru kbir ta' fniek slavaġ li kienu jinstabu fil-gżejjer Maltin.

L-FKNK temmen ferm fl-importanza li nibqgħu nħaddmu l-identità tagħna, speċjalment dak kollu b'rabta kulturali. Fost dawn il-prattiċi kulturali nsibu dak tal-insib tradizzjonali tal-gamiem, dwar liema prattika aħna żgur ser nibqgħu naħdmu bi sħiħ biex nerġgħu naraw lil min jerġa' jonsob għall-gamiem fil-gżejjer tagħna.

Hekk għamilna għall-Kelb tal-Kaċċa ta' Malta, fejn illum grazzi għal riċerka xjentifika, nafu, li din ir-razza hija ta' oriġini Maltija. Grazzi għall-Klabb Kelb tal-Kaċċa ta' Malta, li l-FKNK waqqfet fl-2010, ser nibqgħu naħdmu biex nissalvagwardjaw dak li hu Malti b'rabtiet u konnessjonijiet mal-prattiċi tal-kaċċa u l-insib.

## Culture

***"The crucial differences which distinguish human societies and human beings are not biological. They are cultural."***

Language, architecture, art, handicrafts, and gastronomy are cultural subjects that throughout history have embraced a sense of identity of a country or community. Our islands have a history of over 7,000 years, and we see that the socio-cultural practices of hunting and trapping, including the oldest existing hunting practice in human history, that of falconry, have a substantial and significant impact in Malta and Gozo.

We look at just one of the cultural aspects that has stayed with us and is part of the daily life of the Maltese people: the typical traditional rabbit-dish or in Maltese "fenkata", which is sought after by both the local public and those who visit our islands. This dish originated due to the large number of wild rabbits that were found in the Maltese islands.

The FKNK strongly believes in the importance of continuing to cultivate our identity, especially all of those with cultural ties. Among these cultural practices we find that of traditional turtle dove trapping (live-capturing), regarding which practice we will surely continue to work hard to eventually see local turtle dove trappers return to their trapping sites to again enjoy their passion.

We did this for the Maltese Hunting Dog (Kelb tal-Kaċċa ta' Malta), where today, thanks to scientific research, we know that this breed is of Maltese origin. Thanks to the Malta Hunting Dog Club, which the FKNK founded in 2010, we will continue to work to safeguard what is Maltese with links and connections to hunting and trapping practices.

# Viżjoni

## Vision





# Sostenibbiltà – Konservazzjoni - Komunikazzjoni
## Sustainability - Conservation - Communication

Dawn huma t-tliet pilastri li lkoll flimkien irridu nħaddnu għal ġejjieni xieraq u bilanċjat. Tliet pilastri li jridu jaħdmu b'mod ħolistiku biex il-viżjoni, il-missjoni u l-istrateġija tal-FKNK jiżguraw li kemm l-objettivi fit-tul kif ukoll dawk fuq żmien qasir ikunu ċari u jitkejlu.

Irridu nkunu sodi u lesti biex nilqgħu kull sfida li tista' tiġi minn kwalunkwe direzzjoni, speċjalment ta' dawk li jridu jeqirduna u jekk jista' jkun jeliminawna għalkollox. Għal dawn għandna nirreaġixxu b'daqstant argumenti sodi, raġonamenti adegwati u bbażati fuq xjenza informata u fatti.

Bl-istess determinazzjoni rridu niżguraw li nwasslu għarfien fattwali lill-bqija tal-pubbliku.

These are the three pillars that together we must embrace for a proper and balanced future. Three pillars that must work holistically to ensure that FKNK's vision, mission and strategy ensure that both long-term and short-term objectives are clear and measurable.

We must be firm and ready to meet any challenge that may come from any side, especially from those who want to destroy us and if possible eliminate us altogether. To these we must react with sound arguments, adequate reasoning and facts based on informed science.

With the same determination we must ensure that we deliver factual knowledge to the rest of the public.



## SOSTENIBBILTÀ

Irridu nassiguraw li dak li qegħdin nipprattikaw huwa sostenibbli, jiġifieri li jiflaħ, pereżempju, in-numru li nkunu rridu nieħdu minn tali speċi permezz tal-kaċċa u/jew l-insib, mingħajr ma jkun affettwat l-istat ta' konservazzjoni ta' dik l-ispeċi fis-selvaġġ. B'hekk inkunu nistgħu nissalvagwardjaw l-attivitajiet soċjokulturali tal-kaċċa u l-insib filwaqt li nibqgħu nkunu gwardjani tal-ambjent naturali kif ukoll tal-bijodiversità ta' madwara - kemm għalina fil-preżent kif ukoll għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Is-sostenibbiltà u l-ħolqien ta' bijodiversità minn dejjem kienu prijorità għall-FKNK. Illum dawn huma evidenti fil-proġetti kurrenti tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-Barbaġann fis-selvaġġ, it-trobbija u tluq ta' gamiem għar-riċerka, il-mixtla ta' arbuxelli u siġar indiġeni, u l-immaniġġjar tar-Riservi tal-Miżieb u l-Aħrax li huma wħud mill-aktar żoni ta' abitat naturali afforestati importanti fil-gżejjer Maltin. F'dawn ir-Riservi, li nħolqu grazzi għax-xogħol volontarju li għamlu membri tal-FKNK matul għexieren ta' snin, illum qegħdin isiru diversi interventi biex nassiguraw riġenerazzjoni, kreazzjoni u salvagwardja ta' speċi fl-ekoloġija li jinsabu f'dawn iż-żoni. Filwaqt li, bis-saħħa tal-Klabb tal-Kelb tal-Kaċċa ta' Malta l-oriġini tal-kelb bħala wieħed Malti ta sens ta' identità u valur kulturali lill- gżejjer Maltin, l-FKNK beħsiebha ssostni dan b'mod aktar wiesa' fl-isfera internazzjonali.

## SUSTAINABILITY

We need to ensure that what we are practicing is sustainable, that is, that it can withstand, for example, the number we want to harvest from a species through hunting and / or trapping, without affecting the conservation status of that species in the wild. In this way we will be able to safeguard the socio-cultural activities of hunting and trapping while remaining guardians of the natural environment and the surrounding biodiversity - both for the present and future generations.

Sustainability and biodiversity creation have always been a priority of the FKNK. Today these are evident in the current projects of the Barn Owl reintroduction into the wild, the breeding and release of Turtle Doves for research purposes, the Nursery of native shrubs and trees, and the management of the Miżieb and Aħrax Reserves, which areas constitute some of the most important zones of forested natural habitat in the Maltese islands. In these Reserves, which were created thanks to the voluntary work carried out by members of the FKNK over decades, various interventions are being made today to ensure the regeneration, creation and safeguarding of species in the ecology found in these areas. While, thanks to the Maltese Hunting Dog Club, the Maltese origin of the dog gave a sense of identity and cultural value to the Maltese islands, the FKNK intends to support this more widely in the international sphere.



## KONSERVAZZJONI

***"Il-kaċċa mhix biss it-teħid ta' għasafar minn popolazzjoni selvaġġa, iżda attività matul is-sena kollha għall-konservazzjoni u l-immaniġġjar tal-abitat tagħhom."***

Din hija l-linja ta' narrativa li rridu nimxu magħha. Meta kaċċatur jew nassab jieħu xi speċi mis-selvaġġ, jagħmel dan b'kuxjenza safja li hu jkun diġà qeda dmiru fil-konservazzjoni kemm tal-ispeċi kif ukoll tal-abitat naturali tal-istess speċi. Il-konservazzjoni hija indispensabbli għall-bijodiversità, għalhekk l-FKNK ser tassigura li l-konservazzjoni tal-ambjent naturali inġenerali tibqa' prijorità wkoll għall-ġejjieni.

Kif diġà kien spjegat, l-FKNK tħaddan diversi kampanji u proġetti ta' konservazzjoni. Dan isir ukoll kontinwament b'mod volontarju minn eluf ta' membri tal-FKNK li fl-aħħar mill-aħħar huma l-aktar partijiet interessati fis-soċjetà tagħna, ħafna minnhom huma titolari jew gwardjani ta' artijiet rurali.

## CONSERVATION

***"Hunting is not just the taking of birds from a wild population, but a year-round activity for the conservation and management of their habitat."***

This is the line of thought we have to follow. When a hunter and / or trapper takes a species from the wild, he does so with a clear conscience that he has already contributed towards the conservation of both the species and the natural habitat of the same species. Conservation is indispensable for biodiversity, so the FKNK will ensure that the conservation of the natural environment in general remains a priority for the future as well.

As already explained, the FKNK has a number of conservation campaigns and projects. This is also done continuously on a voluntary basis by thousands of FKNK members who are ultimately the most interested parties in our society, many of whom are owners or guardians of rural lands.




# KOMUNIKAZZJONI

**Aktar Qrib il-Membri...**

Is-saħħa u l-għaqda ta' kull organizzazzjoni tinsab fil-membri. Il-komunikazzjoni hija l-qofol importanti ta' kif wieħed iwassal messaġġ kif ukoll kif dak li jkun jisma' u jifhem il-messaġġ tal-parti l-oħra. Għaldaqstant, il-komunikazzjoni kemm mingħand l-FKNK lill-Membri, kif ukoll viċi versa hija indispensabbli. Dan illum hu aktar faċli bl-għajnuna ta' komunikazzjoni diġitali, l-aktar il-midja soċjali, u anke b'mezzi ta' komunikazzjoni oħra.

Għalhekk, ser nassiguraw li kull membru tal-FKNK, irrelevanti x'tip ta' mezz ta' komunikazzjoni l-aktar juża, jintlaħaq u jkun daqstant faċli għalih li jwassal leħnu għand l-FKNK. B'hekk il-membri jkunu aktar qrib u parti mill-FKNK.

Ser jiġu organizzati aktar laqgħat diretti mal-membri f'diversi lokalitajiet; ser nintroduċu mezzi aktar moderni ta' komunikazzjoni; ser inkunu qegħdin norganizzaw aktar għaqdiet distrettwali, li jridu jkunu aktar attivi fir-rappreżentanza tad-distrett rispettiv; ser naħdmu bis-sħiħ biex tkun ippubblikata l-gazzetta Mid-Dura fuq bażi regolari u sabiex din tasal għand kull membru; il-ħwienet fejn jiltaqgħu mijiet ta' kaċċaturi u nassaba ser ikunu prijorità għalina fejn nisimgħu u nwieġbu mistoqsijiet filwaqt li nindirizzaw xogħlijiet u sitwazzjonijiet oħra kurrenti.

# COMMUNICATION

**Closer to Members...**

The strength and unity of every organization lies in its Members. Communication is the key to delivering a message as well as listening to and understanding the other party's message. Therefore, communication both from the FKNK to the Members and vice versa is indispensable. This is made easier today with the help of digital communication, especially social media, and even other means of communication.

Thus, we will ensure that every member of the FKNK, no matter what type of means of communication he uses the most, is accessible and likewise easy for him to deliver his voice to the FKNK. This will bring Members closer and part of the FKNK.

Further direct meetings with Members will be organized in various locations; we will introduce more modern means of communication; we will be organizing more district associations, which have to be more active in representing the respective district; we will work hard to have the Mid-Dura newspaper published on a regular basis and to reach every Member; Shops where hundreds of hunters and trappers meet will be a priority for us to listen to and answer questions while addressing other current tasks and situations.

**Soċjetà Inklussiva**
Kif konna pijunieri biex dħalna ġol-iskejjel, ser nassiguraw li dan ser jibqa' jsir. Ser nibqgħu naħdmu biex it-tfal tagħna u l-ġenerazzjoni futura tkun tista' tagħraf l-verità tal-prattiċi tagħna. Ser inkomplu nippubblikaw materjal edukattiv għat-tfal fl-iskejjel, kif ukoll inkomplu bi produzzjoni ta' filmati viżwali li jgħinu jippromovu x-xogħol kontinwu tal-FKNK. B'hekk biss nistgħu nkunu gwardjani tal-prattiċi tagħna, billi nippromwovu sens ta' kultura b'mod edukattiv għall-poplu.

Ser nagħmlu iżjed promozzjoni biex aktar personalitajiet, skejjel, għaqdiet u l-pubbliku inġenerali jżuru u jagħmlu użu mir-Razzett tal-Bagħal. Dan huwa l-uniku ċentru pubbliku mħaddan mir-rappreżentanza tal-kaċċaturi u n-nassaba, l-FKNK, u għalhekk aħna kburin bih. Apparti l-mużew tal-kaċċa u l-insib u ċ-ċentru ta' informazzjoni relatat mal-kultura u l-pajsaġġ Malti, biswit ir-razzett jinsabu żewġ proġetti oħra tal-FKNK - dak ta' introduzzjoni mill-ġdid tal-Barbaġann u l-Mixtla ta' arbuxell u siġar indiġeni.

Ser naħdmu biex nippromwovu l-element kulturali li jagħtina sens ta' identità, anki permezz tal-gastronomija. Dan joħloq sens ta' komunikazzjoni, fejn naraw kemm l-aspett gastronomiku kulinari tal-kaċċa huwa dejjem referenza b'saħħitha u importanti li twassal għal valur ta' rispett mill-pubbliku lejn l-eqdem prattika eżistenti li tagħmel użu tajjeb ta' riżorsi naturali rinnovabbli. Permezz tan-natura tal-kultura Mediterranja tagħna se nkomplu norganizzaw attivitajiet soċjali biex nilħqu wkoll il-pubbliku inġenerali.







**Inclusive Society**
As we pioneered schools' visits, we will ensure that this continues. We will continue to work to enable our children and the future generation to recognize the truth and facts about our practices. We will continue to publish educational material for children in schools, as well as continue to produce visual footage that will help promote the ongoing work of the FKNK. Only in this way can we be guardians of our practices by promoting a sense of culture in an educational way for the people.

We will do more promotion for more personalities, schools, associations and the general public to visit and make use of the 16 century farmhouse Razzett tal-Bagħal. This is the only public centre embraced by the representation of hunters and trappers, the FKNK, and so we are proud of it. Apart from the Museum of hunting and trapping and the Information Centre related to Maltese culture and landscape, next to the farm there are two other FKNK projects - that of reintroduction of the Barn Owl into the wild and the Nursery of native shrubs and trees.

We will work to promote the cultural element that gives us a sense of identity, including through gastronomy. This creates a sense of communication, where we see how the culinary gastronomic aspect of the game is always a strong and important reference that leads to a value of respect from the public towards the oldest existing practice that makes good use of renewable natural resources. As a direct result of the nature of our Mediterranean culture we will continue to organize social activities to engage the general public as well.



## NOTES

138 Conception Street, Msida MSD 1831, Malta

info@huntinginmalta.org.mt

**huntinginmalta.org.mt**

